**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2024/2055(INI)**

07.11.2024

# ABBOZZ TA’ RAPPORT

dwar l-Unjoni Bankarja – rapport annwali 2024
(2024/2055(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Ralf Seekatz



Magħquda fid-diversità

PR_INI

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ................................3

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................................9

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-Unjoni Bankarja – rapport annwali 2024**
**(2024/2055(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2024 dwar l-Unjoni Bankarja – rapport annwali 2023[1],

– wara li kkunsidra s-segwitu tal-Kummissjoni għar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-16 ta' Jannar 2024 dwar l-Unjoni Bankarja – rapport annwali 2023,

– wara li kkunsidra d-dokument ippubblikat mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fil-25 ta' Marzu 2024 bit-titolu "Feedback on the input provided by the EuropeanParliament (Feedback dwar il-kontribut ipprovdut mill-Parlament bħala parti mir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-Unjoni Bankarja 2023)",

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali 2023 tal-BĊE dwar l-attivitajiet superviżorji, ippubblikat f'Marzu 2024,

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali 2023 tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB), ippubblikat fit-28 ta' Ġunju 2024,

– wara li kkunsidra l-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLD)[2] u r-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLR)[3], kif ukoll l-istabbiliment tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)[4],

– wara li kkunsidra l-implimentazzjoni tal-istandards ta' Basel III, jiġifieri l-adozzjoni ta' emendi għad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital[5] u għar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital[6],

---

[1] ĠU C, C/2024/5706, 17.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5706/oj?locale=MT#.
[2] ĠU L 1640, 19.6.2024 tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda u tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849 (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17, u li temenda u tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849 (ĠU L 1640, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1640/oj?locale=MT#).
[3] ĠU L 1624, 19.6.2024 tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 1624, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1624/oj?locale=MT#).
[4] ĠU L 1620, 19.6.2024 tal-15 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u li jemenda ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12., (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 1620, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1620/oj?locale=MT#).
[5] Id-Direttiva (UE) 2024/1619 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward tas-setgħat superviżorji, is-sanzjonijiet, il-fergħat ta' pajjiżi terzi, u r-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza (ĠU L, 2024/1619, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1619/oj?locale=MT#).
[6] Ir-Regolament (UE) 2024/1623 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti għar-riskju ta' kreditu, għar-riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu, għar-riskju operazzjonali, għar-riskju tas-suq u għall-minimu tal-output (ĠU L, 2024/1623, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1623/oj?locale=MT#).

– wara li kkunsidra l-adozzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2795 tal-24 ta' Lulju 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq[7],

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tal-24 ta' April 2024 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 fir-rigward ta' miżuri ta' intervent bikri, kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni[8],

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tal-24 ta' April 2024 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward ta' miżuri ta' intervent bikri, kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni[9],

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tal-24 ta' April 2024 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/49/UE fir-rigward tal-ambitu tal-protezzjoni tad-depożiti, tal-użu tal-fondi ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti, tal-kooperazzjoni transfruntiera, u tat-trasparenza[10],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tiegħu tat-23 ta' April 2024 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 806/2014 sabiex tiġi stabbilita Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Marzu 2018 għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzjanti tal-kreditu, ix-xerrejja tal-kreditu u l-irkupru tal-kollateral (COM(2018)0135),

– wara li kkunsidra r-Rapport tal-Ħames Presidenti tat-22 ta' Ġunju 2015 bit-titolu "Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa",

– wara li kkunsidra r-rapport ta' Enrico Letta tal-10 ta' April 2024 bit-titolu "Much more than a market – Speed, security, solidarity empowering the Single Market to deliver a sustainable future and prosperity for all EU Citizens (Ħafna aktar minn suq – Veloċità, sigurtà, solidarjetà): insaħħu s-Suq Uniku biex iforni futur sostenibbli u prosperità għaċ-Ċittadini kollha tal-UE)",

– wara li kkunsidra r-rapport ta' Mario Draghi tad-9 ta' Settembru 2024 bit-titolu "The future of European competitiveness (Il-futur tal-kompetittività Ewropea)",

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tal-11 ta' Marzu 2024 dwar il-futur tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, u d-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar il-futur tal-Unjoni Bankarja u s-segwitu tagħha mill-Grupp tal-Euro tat-28 ta' April 2023,

[7] ĠU L 2024/2795, 31.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/2795/oj?locale=MT#.
[8] Testi adottati, P9_TA(2024)0326.
[9] Testi adottati, P9_TA(2024)0327.
[10] Testi adottati, P9_TA(2024)0328.

– wara li kkunsidra l-qafas ta' divulgazzjoni tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja għall-iskoperturi tal-kriptoassi tal-banek u għall-emendi mmirati għall-istandard prudenzjali tiegħu dwar l-iskoperturi tal-banek għall-kriptoassi, it-tnejn ippubblikati fis-17 ta' Lulju 2024,

– wara li kkunsidra l-prinċipji fundamentali tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja għal superviżjoni bankarja effettiva, ippubblikati fil-25 ta' April 2024,

– wara li kkunsidra r-Rieżami tal-Istabbiltà Finanzjarja tal-BĊE ta' Mejju 2024,

– wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma Nru 24-15 tal-Istitut Peterson għall-Ekonomija Internazzjonali tal-25 ta' Ġunju 2024 bit-titolu "Europe's banking union at ten: unfinished yet transformative (L-unjoni bankarja tal-Ewropa għaxar snin wara: mhux mitmuma iżda trasformattiva)"[11],

– wara li kkunsidra l-prijoritajiet superviżorji tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku għall-2024-2026, ippubblikati f'Diċembru 2023,

– wara li kkunsidra n-nota ta' rappurtar biannwali tal-SRB lill-Grupp tal-Euro tat-13 ta' Mejju 2024,

– wara li kkunsidra l-eżitu tal-eżerċizzju ta' trasparenza fl-UE kollha tal-2023 tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), ippubblikat fit-28 ta' Lulju 2023,

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 12/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tat-12 ta' Mejju 2023 bit-titolu "Superviżjoni mill-UE tar-riskju ta' kreditu tal-banek – Il-BĊE żied l-isforzi tiegħu iżda huma meħtieġa aktar sforzi biex jiżdied l-aċċertament li r-riskju ta' kreditu jiġi mmaniġġjat u kopert b'mod xieraq",

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet ta' Claudia Buch, President tal-Bord Superviżorju tal-BĊE, fis-seduti ta' smigħ imwettqa mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament fil-21 ta' Marzu 2024 u fit-2 ta' Settembru 2024,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet ta' Dominique Laboureix, President tal-SRB, fis-seduti ta' smigħ li twettqu mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament fil-21 ta' Marzu 2024 u fit-23 ta' Settembru 2024,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019 dwar il-bilanċ bejn is-sessi fin-nomini fis-settur tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji tal-UE[12],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0000/2024),

A. billi l-Unjoni Bankarja (UB) tinkludi l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u standards minimi għoljin fil-qasam tal-assigurazzjoni tad-depożiti;

[11] Véron, N., "Europe's banking union at ten: unfinished yet transformative", Peterson Institute for International Economics Working Paper Nru 24-15, Ġunju 2024.
[12] ĠU C 023, 21.1.2021, p. 105.

B. billi UB kompluta ttejjeb il-kompetittività u l-istabbiltà tas-settur bankarju u l-għażla tal-konsumatur, u tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament;

C. billi l-frammentazzjoni u n-nuqqas ta' konsolidazzjoni transfruntiera tas-settur bankarju tal-UE qed jaffettwaw il-kompetittività globali tiegħu; billi d-diskrepanza fil-profittabbiltà bejn il-banek tal-UE u dawk tal-Istati Uniti kibret;

D. billi settur bankarju b'saħħtu huwa fundamentali biex iseħħ it-tkabbir ekonomiku, jiġu ffinanzjati l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u n-negozji ġodda u tiġi żgurata t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali;

E. billi f'April 2024, adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-rieżami tal-qafas tal-ġestjoni tal-kriżijiet u tal-assigurazzjoni tad-depożiti;

F. billi f'April 2024, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tiegħu adotta rapport dwar il-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti;

***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li t-tlestija tal-UB tibqa' prijorità fundamentali; jenfasizza li dan il-proġett joffri lill-unitajiet domestiċi u lill-SMEs aċċess għal finanzjament usa', iżid l-istabbiltà finanzjarja, inaqqas l-impatt tar-reċessjonijiet ekonomiċi, jiffinanzja t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali u jisfrutta l-potenzjal tat-tkabbir tal-UE;

2. Jinnota li UB aktar integrata tgħin biex tagħmel is-settur bankarju tal-UE aktar reżiljenti; jinnota li integrazzjoni transfruntiera aħjar tan-negozju bankarju żżid il-potenzjal għall-kondiviżjoni tar-riskju privat u tiżgura diversifikazzjoni fis-suq bankarju tal-UE;

3. Jiddispjaċih li l-kapaċità tal-banek tal-UE li jiffinanzjaw investimenti kbar hija ristretta minn kostijiet ogħla, skala iżgħar u profittabbiltà aktar baxxa li mhijiex biżżejjed biex tiżgura l-kompetittività tagħhom;

4. Jirrikonoxxi li l-banek tal-UE li għadhom joperaw fir-Russja naqqsu l-attività tagħhom; jistieden lill-istituzzjonijiet superviżorji jkomplu jassistu lil dawk il-banek biex ikomplu javvanzaw bil-ħruġ mis-suq Russu;

5. Jinnota li l-ħolqien ta' ġuriżdizzjoni separata għall-banek tal-UE b'operazzjonijiet transfruntiera sostanzjali[13] jgħin biex titlesta l-UB;

***Superviżjoni***

6. Jilqa' l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tal-pakkett bankarju l-ġdid, liema pakkett jimplimenta l-istandards ta' Basel III fl-UE; jisħaq li l-Kummissjoni għandha tevalwa bir-reqqa jekk huwiex meħtieġ dewmien fl-implimentazzjoni biex tinżamm il-kompetittività tal-banek tal-UE; jilqa', f'dan ir-rigward, l-att delegat li jipposponi d-data tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid tar-riskju tas-suq b'sena għall-1 ta' Jannar 2026;

[13] Ir-rapport Draghi, p. 61.

7. Jinnota li l-proporzjon medju tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni baqa' f'livelli għoljin, ta' 15,81 %;

8. Jinnota li l-proporzjon tas-self li ma jrendix baqa' stabbli fil-livell ta' 2,30 % u l-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità kien ta' 159,39 %;

9. Jinnota n-nuqqas ta' progress dwar il-proposta għal direttiva dwar is-servizzjanti tal-kreditu, ix-xerrejja tal-kreditu u l-irkupru tal-kollateral, li għandha l-għan li tipprovdi lill-banek, taħt ċerti kundizzjonijiet, mekkaniżmu li jaċċellera l-irkupru tal-valur minn self garantit permezz ta' eżekuzzjoni ekstraġudizzjarja ta' proċeduri sabiex jiġu żviluppati aktar is-swieq sekondarji għal self li ma jrendix;

10. Jinnota li l-livelli attwali ta' profittabbiltà tas-settur bankarju jistgħu jipprovdu opportunità għal xi Stati Membri biex jimplimentaw żidiet immirati addizzjonali fir-riżervi makroprudenzjali u jgħinu biex tiġi ppreservata r-reżiljenza tas-settur bankarju;

11. Jilqa' l-ħolqien ta' Awtorità ġdida għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu;

12. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji u li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi mas-settur bankarju, inkluż billi jitfasslu għodod regolatorji u superviżorji speċifiċi biex tiġi evitata kriżi ta' likwidità;

***Riżoluzzjoni***

13. Jilqa' l-objettiv tal-proposta dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-assigurazzjoni tad-depożiti biex jiġi żgurat approċċ aktar konsistenti fl-Istati Membri kollha għall-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni u għall-protezzjoni tad-depożiti sabiex jissaħħu l-istabbiltà finanzjarja, il-protezzjoni tal-kontribwenti u l-fiduċja tad-depożitanti; jinnota li l-banek iż-żgħar ma joħolqu l-ebda riskju għall-istabbiltà finanzjarja;

14. Jenfasizza l-importanza li tiġi ppreservata r-responsabbiltà primarja tal-azzjonisti u tal-kredituri li jġarrbu telf f'każ ta' falliment ta' bank, u li din għadha tagħlima fundamentali meħuda mill-kriżi finanzjarja globali; jisħaq li r-rikapitalizzazzjoni interna tal-azzjonisti u tal-kredituri trid tibqa' s-sors ewlieni għall-finanzjament tar-riżoluzzjoni qabel ma jsir kwalunkwe rikors għal sorsi ffinanzjati mill-industrija;

15. Ifakkar li rekwiżit minimu suffiċjenti għall-fondi proprji u għall-obbligazzjonijiet eliġibbli huwa kruċjali għal qafas ta' riżoluzzjoni kredibbli u biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom biżżejjed flessibbiltà biex japplikaw b'mod effettiv l-istrateġiji ta' riżoluzzjoni meħtieġa f'sitwazzjoni ta' kriżi speċifika; iwissi li t-tnaqqis f'dan ir-rekwiżit minimu, li jirriżulta minn strateġiji speċifiċi ta' riżoluzzjoni fil-fażi tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni, jista' jfixkel ir-riżolvibbiltà tal-banek;

16. Jenfasizza li l-appoġġ ta' likwidità fir-riżoluzzjoni m'għandux ikun ibbażat fuq fondi pubbliċi addizzjonali; jinnota li kwalunkwe dipendenza fuq il-flus tal-kontribwenti għar-riżoluzzjoni tal-banek għandha tiġi evitata;

17. Jilqa' r-rieżami strateġiku tal-"Viżjoni 2028 tal-SRM" mibdi mill-SRB biex jistabbilixxi l-għanijiet fit-tul tiegħu, jindirizza sfidi ġodda u jkompli jsaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni u partijiet ikkonċernati oħra;

18. Jilqa' l-pjan tal-SRB li jissimplifika ċ-ċiklu annwali ta' ppjanar ta' riżoluzzjoni biex jiżgura li dan ikun dejjem aktar effiċjenti u jkollu enfasi akbar fuq l-ittestjar tar-riżolvibbiltà tal-banek u l-operazzjonalizzazzjoni tal-istrateġiji ta' riżoluzzjoni;

19. Jilqa' l-fatt li l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni issa nbena; jitlob li l-Istati Membri kollha jirratifikaw bis-sħiħ il-Ftehim Emendatorju għat-Trattat dwar il-MES, inkluż l-istabbiliment ta' garanzija ta' kontinġenza komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni;

20. Jenfasizza l-ħtieġa ta' sforzi addizzjonali biex tiġi żgurata riżolvibbiltà sħiħa għall-banek kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-riżoluzzjoni; ifakkar li l-kisba tar-riżolvibbiltà ma tistax titqies bħala "mira mobbli" u għalhekk jappella għal aktar standardizzazzjoni u armonizzazzjoni meta tiġi vvalutata r-riżolvibbiltà;

*Assigurazzjoni tad-depożiti*

21. Jissottolinja l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti ġiet ippubblikata lura fl-2015, u li x-xenarju nbidel b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien 'l hawn;

22. Jinnota li l-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti ġew introdotti b'suċċess u wrew il-funzjonalità tagħhom f'għadd ta' każijiet; jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-karatteristiċi nazzjonali speċifiċi u li jiġu ppreservati s-sistemi li jiffunzjonaw tajjeb għal banek iżgħar li diġà huma fis-seħħ f'xi Stati Membri;

23. Jissottolinja l-ħtieġa li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali u li jiġi ppreservat il-funzjonament tagħhom;

24. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar il-futur tal-UB;

25. Ifakkar li t-tkissir tar-rabta bejn ir-riskju bankarju u r-riskju sovran jibqa' sfida għall-UB; jenfasizza li r-riskju fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek jista' jitnaqqas aktar permezz tat-trattament regolatorju tal-esponimenti sovrani;

°

° °

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni u lill-Awtorità Bankarja Ewropea.

## NOTA SPJEGATTIVA

Filwaqt li l-Unjoni Bankarja – ir-rapporti annwali 2022 u 2023 iffukaw fuq il-gwerra fl-Ukrajna u l-aggressjoni Russa li għaddejja kontra l-Ukrajna, dan ir-rapport jiffoka aktar fuq l-isfidi għall-UE u għall-Parlament Ewropew, kif rifless fil-mandat il-ġdid tal-Kummissjoni, jiġifieri l-prijoritajiet tal-UE biex trawwem il-kompetittività, issaħħaħ is-suq uniku Ewropew u tagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku.

Bħalissa l-Unjoni tinsab f'punt ta' bidla, u dan se jiddetermina l-futur ekonomiku fid-deċennji li ġejjin. Ir-rapporti tal-2024 ta' Enrico Letta u Mario Draghi jissottolinjaw li l-UE teħtieġ bidla kbira sabiex tkun tista' tikkompeti mal-Istati Uniti jew maċ-Ċina. F'dan l-isfond, l-Unjoni Bankarja hija pedament ewlieni tal-kompetittività. Unjoni Bankarja msaħħa se tippermetti lill-UE tiġġenera l-kapital meħtieġ biex l-ekonomija Ewropea tkun adattata għall-futur.

Il-banek tal-UE għandhom rwol fundamentali fil-finanzjament tal-investimenti meħtieġa peress li s-self mill-banek għadu l-aktar sors importanti ta' finanzjament estern għall-kumpaniji. Madankollu, il-banek tal-UE jbatu minn profittabbiltà aktar baxxa meta mqabbla mal-kontropartijiet tagħhom fl-Istati Uniti, u din hija kkawżata minn ħafna ostakli regolatorji u minn Unjoni Bankarja mhux kompluta. Settur bankarju robust u kompetittiv huwa meħtieġ biex tiġi ffinalizzata l-UB. Fl-aħħar sena, filwaqt li l-koleġiżlaturi għamlu ħafna progress fil-leġiżlazzjoni kruċjali għall-Unjoni Bankarja, l-UE għad trid timmonitorja mill-qrib jekk l-ekonomija tal-UE, iċ-ċittadini tal-UE u l-banek tal-UE jibbenefikawx minn dawk il-proposti adottati. Dan ir-rapport jipprovdi rakkomandazzjonijiet realistiċi u li jistgħu jinkisbu, liema rakkomandazzjonijiet jistgħu jgħinu biex tissaħħaħ aktar l-Unjoni Bankarja.

Madankollu, mhux biss in-negozji tal-UE jeħtieġu aċċess aħjar għall-kapital. Iċ-ċittadini tal-UE bħalissa qed jitħabtu biex jaffordjaw akkomodazzjoni jew biex jiffinanzjaw investimenti f'rinnovazzjonijiet sostenibbli. Għalhekk huwa kruċjali li tingħata spinta lill-profittabbiltà tal-banek tal-UE, peress li dan konsegwentement jippermettilhom jipprovdu lill-unitajiet domestiċi privati b'aċċess aħjar u aktar faċli għal self affordabbli.